# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 584/01mm**

**Carmelo Debattista**

**vs**

**Conrad Galea**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm840.00), ghal kera tal-fond Hilda House, Triq Sir Temi Zammit, Tarxien, ghall-iskadenzi mensili mit-3

ta’ Lulju, 2000, sat-2 ta’ Lulju, 2001, u l-iskadenzi kollha wara din id-data sas-sentenza, bir-rata ta’ Lm70 fix-xahar bil-quddiem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-14 ta’ Frar, 2001, u tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Mejju, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta’ Ottubru, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.